**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Kaz Nru. 148/03**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

**Joseph Pace**

**Illum 6 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Joseph Pace, bin Emanuel u Maria Assunta neè Farrugia, imwieled B'Bugia fis-27 ta' Ottubru 1971 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 526171(M), talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli fl-24 ta' Ottubru 2002 u fix-xhur ta' qabel fl-Imsida, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, diesel, madum, gypsum, zebgħa, clamps, electrical fittings, circular saw u oġġetti ta' stationery, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, ħin, persuna u l-valur li ma jeċċedix l-elf Lira Maltin (Lm1,000), illum ekwivalenti għal elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37), u dan sar għad-detriment tad-diretturi tal-kumpanija Skanska Malta J.V. u/jew ta' persuni oħra;
2. Talli fl-istess żminijiet f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ u cioè l-oġġetti hawn fuq imsemmija, misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. Talli fl-24 ta' Ottubru 2002 u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Imsida, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma teċċedix il-ħames mitt Lira Maltin (Lm500), illum ekwivalenti għal elf mija erbħga u sittin Euro u disgħa u

sittin ċenteżmu (€1,164.69), iżda hija iżjed minn ħamsin Liri Maltin (Lm50), illum ekwivalenti għal mija u sittax-il Euro u sitta u erbħgin ċenteżmu (€116.46);

Rat id-dokumenti, ossia estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat u l-Fedina Penali ta' l-imputat, a fol. 2 u 3 tal-proċess u rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta a fol. 8 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' l-Ispettur (illum Supretendent) Geoffrey Azzopardi mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta' Mejju 2003[2] u tal-25 ta' April 2006[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GA1" u Dok. "GA2" a fol. 15 sa' 17 tal-proċess, ix-xhieda ta' Thomas Mattocks mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2003[4], ix-xhieda ta' Julian Borg[5], John Falzon[6] u Henry Cockrem[7] ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2006, ix-xhieda ta' Lawrence Mangion waqt is-seduti tat-23 ta' April 2007[8] u tal-25 ta' Ġunju 2019[9] u rat id-dokument Dok. "LM" esebit minnu a fol. 50 u 51 tal-proċess, ix-xhieda ta' Keith Pavia mogħtija waqt is-seduti tat-23 ta' April 2007[10] u ta' l-4 ta' Marzu 2019[11] u x-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2020[12];

Rat li waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2008, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq;

Rat li fid-9 ta' April 2013[13], il-proċeduri odjerni ġew differiti *sine die* peress illi ripetutament ma deher ħadd;

Rat li b'Digriet datat 27 ta' Marzu 2018[14], il-kawża ġiet ri-appuntata għall-15 ta' Mejju 2018;

---

[1] Fol. 9 tal-proċess.
[2] Fol. 10 sa' 14 tal-proċess
[3] Fol. 39 tal-proċess.
[4] Fol. 18 sa' 21 tal-proċess.
[5] 40 u 41 tal-proċess.
[6] Fol. 42 tal-proċess.
[7] Fol. 43 tal-proċess.
[8] Fol. 48 u 49 tal-proċess.
[9] Fol. 97 sa' 99 tal-proċess.
[10] Fol. 52 u 53 tal-proċess.
[11] Fol. 83 sa' 85 tal-proċess.
[12] Fol. 113 sa' 116 tal-proċess.
[13] Fol. 75 tal-proċess.
[14] Fol. 76 tal-proċess.

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2021[15], minħabba l-assenza ripetuta tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti għalqet l-istadju tal-kontro-eżamijiet tal-Prosekuzzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali da parte tad-Difiża. Il-Prosekuzzjoni baqgħet ma dehritx għas-seduti ffissati u għaldaqstant ma ressqitx sottomissjonijiet finali f'dawn il-proċeduri;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) talli fl-24 ta' Ottubru 2002 u fix-xhur ta' qabel fl-Imsida, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, diesel, madum, gypsum, zebgħa, clamps, electrical fittings, circular saw u oġġetti ta' stationery, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, ħin, persuna u l-valur li ma jeċċedix Lm1,000, illum ekwivalenti għal €2,329.37, u dan sar għad-detriment tad-diretturi tal-kumpanija Skanska Malta J.V. u/jew ta' persuni oħra; (2) talli fl-istess żminijiet f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ u cioè l-oġġetti hawn fuq imsemmija, misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom; (3) talli fl-24 ta' Ottubru 2002 u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Imsida, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma teċċedix Lm500, illum ekwivalenti għal €1,164.69, iżda hija iżjed minn Lm50, illum ekwivalenti għal €116.46.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

F'dawn il-proċeduri xehdu s-segwenti:

- **L-Ispettur (illum Supretendent) Geoffrey Azzopardi[16],** illi xehed li għall-ħabta ta' Ottubru 2002 huwa kien qed jinvestiga serq ta' diversi għodod minn fuq is-sit fejn kien qed jinbena l-Isptar Mater Dei (hawn iktar 'l quddiem f'din is-sentenza indikat bħala is-Sit). Iddikjara li fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tiegħu huwa rċieva informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat, li dak iż-żmien kien jaħdem bħala Security Guard mal-Kumpannija Group 4, kien involut f'dan is-serq. Minn indaġini ulterjuri li għamel, inkluż meta kellem lil Thomas Mattocks, dak iż-żmien Supervisor tas-Security

[15] Fol. 118 tal-proċess.
[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2003, fol. 10 sa' 14 tal-proċess u waqt is-seduta tal-25 ta' April 2006, fol. 39 tal-proċess.

Guards, ġie infurmat li xi Security Guards oħra kienu infurmaw lil dan Mattocks b'xi serq li kien qed jagħmel l-imputat waqt li kien qed ikun xogħol fuq is-Sit. Fir-rigward l-Ispettur Azzopardi xehed illi *fil-fatt is-Sur Mattocks kien infurmani li kien ottjena statement bil-miktub minn dawn il-ħaddiema li jinkludu fost l-oħrajn lil Julian Borg, ċertu Lawrence Mangion, Keith Cachia, John Falzon u Henry Hepburn. Dawk kienu allegaw fl-istqarrija li għamlu huma stess illi f'okkazzjonijiet differenti kienu lemħu lil Joseph Pace, l-imputat hawnhekk, jisraq xi affarijiet minn fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Fost dawn kien hemm xi diesel minn xi inġenji li kien hemm hemmhekk, xi madum, xi gupsum, xi żebgħa, clamps, electrical fittings u oġġetti ta' stationery, flimkien ma' xi flus kontanti li kienu rawh jisgassa minn magna tal-luminata.*

L-Ispettur Azzopardi xehed ulterjorment illi fit-22 ta' Ottubru 2002 huwa bagħat xi uffiċjali tal-Pulizija d-dar ta' l-imputat sabiex jarrestawh. Meta ma sabux lill-imputat id-dar, l-Ispettur ċempillu biex imur jiltaqa' ma' l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu qed jistennew quddiem id-dar iżda huwa baqa' ma tfaċċax. Kien biss eventwalment li l-imputat għażel li jmur l-Għassa ta' Birżebbugia biex jiltaqa' ma' l-uffiċjali tal-Pulizija hemmhekk. Meta staqsa lill-imputat għalfejn dam daqshekk biex mar jiltaqa' ma' l-Uffiċjali tal-Pulizija, huwa wieġeb li wara li kien ċempillu l-Ispettur huwa ffissa appuntament ma' l-Avukat tiegħu, li kien tah appuntament għal wara nofsinhar. Fir-rigward l-Ispettur Azzopardi rrimarka *u dan qabel ma kont infurmajtu fuq xiex kont sejjer ninvestigah*.

Wara dan saret tfittxija fid-dar residenzjali ta' l-imputat u minn hemmhekk ġew *elevati xi affarijiet, fosthom żewġ batches tal-madum, bi tlieta u tletin biċċa l-waħda, kien hemm xi scaffolding pipe fittings, kien hemm xi dokumenti oħra ta' stationery.* Dawn l-affarijiet ittieħdu minn fuq il-post u ngħatat riċevuta lill-imputat, liema riċevuta ġiet esebita bħala Dok. "GV1" a fol. 15 tal-proċess. Ittieħdet ukoll stqarrija lill-imputat fl-24 ta' Ottubru 2002, liema stqarrija ġiet esebita bħala Dok. "GV2" a fol. 16 u 17 tal-proċess.

Fis-seduta tal-25 ta' April 2006[17], l-Ispettur Azzopardi esebixxa kaxxa ta' l-għodda li fiha kien hemm injama u maduma. Spjega li fir-rigward tal-maduma hemm żewġ kaxex b'madum bħala li ġew elevati mill-fond ta' l-imputat u b'hekk esebixxa waħda bħala kampjun u l-madum l-ieħor ġie esebit formalment.

- **Thomas Mattocks[18]**, li fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri kien Security Supervisor mal-kumpannija Group 4, illi xehed illi huwa kien jaf lill-imputat peress illi kien impjegat bħala Security Guard mal-Group 4. Iddikjara li bejn Lulju u Ottubru tas-sena 2002, madwar tlett darbiet fil-

[17] Fol. 39 tal-proċess.
[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2003, fol. 18 sa' 21 tal-proċess.

ġimgħa kien jirċievi telefonati bil-lejl illi n-nies addetti għas-Security fl-Isptar Mater Dei, jew aħjar fuq is-sit ta' kostruzzjoni ta' l-imsemmi Sptar, kienu jaraw xi nies fuq is-Sit. Wara dawn it-telefonati huwa kien jinforma lill-Pulizija li però meta kienu jaslu fuq il-post ma kienu jsibu xejn. Mattocks xehed ukoll illi s-Sit kien imdawwar b'Perimeter Fence li kienet mgħassa minn guard rooms erbgħa u għoxrin siegħa kuljum.

Dwar il-każ *per se*, Thomas Mattocks xehed illi *għall-ħabta ta' nofs Settembru kien hemm Security li avviċinawni u għamlu stqarrijiet kontra l-imputat. Nispjega illi sussegwentement mort id-dar ta' l-imputat ma' Security Officer ieħor, Walter Moore, u fil-bitħa tal-fond ta' l-imputat osservajt madum li kien jikkorispondi għal deskrizzjoni li keinu tawni fl-istqarrijiet u wkoll xi stationery. Qiegħed f'dan il-mument niġi muri l-istationery u ngħid illi dan huwa dak illi jkollna fl-istores. Mistoqsi mill-Qorti jekk sarx xi stock-take dwar l-istationery, ngħid li le, u nispjega illi l-istationery tittieħed skond il-bżonn mid-diversi uffiċini. Hija waħda mis-segretarji li hija inkarigata biex tissupplixxi l-istores. Din is-segretarja tieħu l-inkarigu minn ħaddieħor. U dana minn vari persuni. Fis-sens illi jekk jonqos xi ħaġa, jitolbuha sabiex tara li tkun fl-istore. Dwar madum ma nista' ngħid xejn, ħlief li dan inkun nafu jekk ikun naqas xi ħaġa, jekk ikun irrapporta xi subcontractor. Jiena kelli xi rapporti wkoll f'dak il-perijodu dwar xi serq ta' madum u għodod u dana minn vari kuntratturi. Meta jiena kont aċċedejt fil-bitħa ta' l-imputat, kien hemm żewġ kaxex tal-madum. Dal-madum kien ġo kaxex sofor tal-kartun. Dan il-madum kont fil-fatt ikkonstatajt li kien jeżisti fuq il-post tax-xogħol. Il-madum in kwistjoni kien plain, qisu fuq l-off white. Nispjega, kif già għidt, illi l-persuni li kienu tawni l-istqarrija kienu ġew għandi u volontarjament irrilaxxjaw din l-istqarrija.*

Xehed illi fid-dawl ta' dawn il-fatti l-kumpannija Group 4 kienet issospendiet lill-imputat mix-xogħol u sussegwentement - u ta' l-inqas fiż-żmien meta xehed - l-istess imputat ma kienx għadu Impjegat mal-kumpannija. L-imputat kien ilu madwar sena u nofs jaħdem mal-Group 4, kien jaħdem day shifts u night shifts u fil-perijodu in kwistjoni l-iktar li kien, kien fuq night shifts.

- **Julian Borg**[19], illi xehed illi huwa jaħdem bħala Security mal-kumpannija Group 4 u li l-imputat ukoll kien għamel żmien jaħdem bħala Security ma' l-istess kumpannija u li f'ħafna okkażjonijiet kienu jinzertaw fuq l-istess shift. Huwa xehed illi *nispjega illi bħala xogħol konna nagħmlu xi tnax-il siegħa kull darba bħala security u kien ikollna bħala doveri tagħna s-sorveljanza ta' l-Isptar il-ġdid kollu jew aħjar ta' l-Isptar li qiegħed jinbena. Għandi ngħid illi f'okkażjoni waħda meta kont inzertajt fl-istess shift ma' l-imputat, kien niftakar kważi fl-aħħar tax-shift, wieħed ħabib tiegħi li kien fuq l-istess shift kien ġie fuqi u saqsieni li l-imputat xtaq jidħol ġewwa l-konfini ta' l-*

[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2006, fol. 40 u 41 tal-proċess.

*Isptar bil-karozza tiegħu. Jiena hemmhekk deherli li kelli mmur ninforma lil sħabi l-oħra li kienu fuq l-istess shift. Ma nafx kemm konna bħala nies. Li nista' ngħid hu illi l-imputat kellu l-vettura tiegħu pparkeġġjata ġo arja fejn hu konsentit il-parkeġġ però u dana sa' fejn naf jien, l-imputat ried iċaqlaq il-vettura u jipparkeġġja x'imkien ieħor. Jiena skond ma qaluli sħabi l-imputat ried jidħol mill-grada 'l ġewwa fl-Isptar. Nispjega li aħna għandna ordnijiet fis-sens illi ma nistgħux inbiddlu l-post tal-parkeġġ li jiġi lilna assenjat. Mistoqsi mill-Qorti jekk nafx jekk l-imputat ċaqlaqx il-karozza minn fejn kien ipparkeġġata nirrispondi li iva, u dana nafu fuq dak li qalli ħaddieħor. Anke dwar li l-imputat ried iċaqlaq il-karozza tiegħu naf fuq dak li qalli ħaddieħor. Xi ħmsitax qabel lill-imputat kont inzertajt wassaltu sad-dar. F'din l-okkażjoni jiena nzertajt dħalt fil-post ta' l-imputat u hemmhekk osservajt illi kien hemm bieb, la naf jekk hux bieb jew xatba, li l-injam tiegħu kien simili għal dak li kont rajt l-isptar. Jiena m'inix espert ta' l-injam u lanqas ngħarfu l-injam, però fuq l-injam li osservajt għand l-imputat osservajt ukoll illi kellu kelma li kienet l-istess fuq l-injam ta' l-Isptar. Filwaqt li qiegħed niġi muri l-biċċa njama li tinsab esebita f'dawn l-atti ngħid illi dik l-injama kienet bħal dik li rajt id-dar ta' l-imputat. Injam simili jintuża l-Isptar. F'din l-okkażjoni wkoll kont innotajt illi l-imputat kellu l-kaxxa l-ħamra li qiegħed ukoll nidenfitika in Awla. Din il-kaxxa l-ħamra kont rajtha preċedentement għand xi ħaddiema li kienu jaħdmu l-isptar, ta' min hi ma nafx.*

- **John Falzon[20],** illi xehed li huwa wkoll Security mal-kumpannija Group 4. Iddikjara li *l-imputat nafu u ġieli ħdima fl-istess shift ta' gwardjani fl-Isptar il-ġdid. Dwar l-imputat jiena qatt ma rajtu jieħu xi affarijiet u lanqas qatt ma inzertajt id-dar tiegħu. Dwar l-oġġetti li qiegħed nara esebiti jiena l-unika ħaġa li nista' ngħid hu li bħalhom hemm l-Isptar. Naf illi mill-Isptar mhux l-ewwel darba li naqsu xi affarijiet. Jiena darba kont izertajt rajt lill-imputat fil-karozza tiegħu u kien barra l-gate. Jiena ma nafx bl-ebda affarijiet li seta' kellu l-imputat f'dik l-okkażjoni li qed insemmi u lanqas f'okkażjoni oħra, għaliex b'okkażjonijiet oħra ma nafx.*

Fil-kors tax-xhieda ta' John Falzon, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li ried jerġa' jtella' lil John Falzon bħala xhud sabiex f'tali okkażjoni jiddikjarah bħala xhud ostili. John Falzon però ma reġgħax ittella' bħala xhud mill-Prosekuzzjoni.

- **Henry Cockrem[21],** illi xehed illi f'Ottubru ta' l-2002 huwa kien jaħdem bħala Security mal-kumpannija Group 4. Xehed illi *lill-imputat nafu għaliex ġieli inzertajna naħdmu l-istess shift. Hu kien ukoll security officer. Oġġetti simili għal dawk li qed jiġu murija hemm ħafna fl-Isptar, fis-sens li kont nara ħafna meta kont ninzerta xogħol hemmhekk bħala security. Mistoqsi*

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2006, fol. 42 tal-proċess.
[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2006, fol. 43 tal-proċess.

*jekk affarijiet simili qatt rajthomx għand l-imputat, nirrispondi li le. Mistoqsi jekk qatt rajtx lill-imputat jieħu affarijiet simili għal dawk li qegħdin esebiti, nirrispondi li le. Li nista' ngħid hu illi f'okkażjoni waħda konna xogħol ta' bil-lejl, kien ġew xi security officers u qaluli xi diskors li kien jinvolvi lill-imputat. Jiena hemmhekk niftakar li kont għedtilhom "ċemplu lill-pulizija". Jiena però b'għajnejja ma' rajt xejn. Lanqas naf u lanqas ħadd ma nformani li proprju dakinhar kienu naqsu xi affarijiet mill-Isptar.*

- **Lawrence Mangion**[22] xehed illi huwa jaf lill-imputat peress illi għamlu xi żmien jaħdmu flimkien, ossia bħala Security mal-kumpannija Group 4. Xehed illi kienu dettaljati l-Isptar Mater Dei. Dana kollu kien fir-rigward tas-sena 2002. Huwa xehed illi *naf b'xi għajdut li kien hemm rigwardanti dik is-sena elfejn u tnejn, li kien qiegħed isir xi serq mill-Isptar. Niftakar li jiena kont tajt stqarrija lil Thomas Mattocks li kien il-Kap tas-sezzjoni tagħna, din l-istqarrija li jiena kont tajt lil Mattocks kont iffirmajtha wara li kont irrispondejt għal xi mistoqsijiet li kien għamilli l-istess Mattocks u kont iffirmajtha. Nispjega li din l-istqarrija ġiet f'idejja reċentement, fil-fatt ingħatajt kopja mill-Uffiċjal Prosekutur, u jiena mhux qed insib l-ebda oġġezzjoni li din l-istqarrija tiġi eżebita għaliex ma għandix x'inżid jew x'inaqqas ma' din l-istqarrija tiegħi. Wara li qrajt l-istqarrija, nikkonfermaha fl-interezza tagħha, u qiegħed neżebiha. Qiegħed nagħraf ukoll il-firma tiegħi. L-istqarrija kif spjegajt ma ktibthiex jiena, però kitibha s-Sur Mattocks.*

Fid-dikjarazzjoni li Lawrence Mangion jidher ta lil Thomas Mattocks, liema dikjarazzjoni tinsab esebita bħala Dok. "LM" a fol. 50 u 51 tal-proċess, hemm iniżżel li *as far back 9 months ago I had started noticing things that should not be done by security guards. One particular guard Joseph Pace on certain occasions took bags of gypsum and cement out of the site. Security guard Pace is in collusion with another Security officer Keith Pavia. Joseph Pace used to lift Keith Pavia through the stores window and Pavia used to pass on rolls of wire and tins of paint and other equipment that was not locked away in the stores containers. One day we were on Patrol at night in Block A2 and I saw him take a Polaroid Camera which was in an unlocked drawer. Another time I saw him steal a walkman. From Block A1 offices, on several occasions he used to take stationery from offices. On occasions I saw him open cupboards and steal tea, coffee and sugar. I saw him syphon diesel out of engines of bulldozers on site. Keith Pavia also took some of the stolen items that he was involved with Pace. His boyfriend whom I only know as Charlie use to go on Patrol with him and he also used to allow him with his car on site. His car is a silver Kia but I do not know his registration no. Security Officer Joe Agius used to know what Joe Pace was doing. I was afraid to talk*

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' April 2007, fol. 48 u 49 tal-proċess u waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2019, fol. 97 sa' 99 tal-proċess.

*about this before as I thought I would be sent off site. I will make further statements if required.*

In kontro-eżami, wara li nqratlu d-dikjarazzjoni Dok. "LM" a fol 50 u 51 tal-proċess, Lawrence Mangion iddikjara li *ma niftakarx u m'għandix assolutament idea għaliex ilu ħafna issa.* Mistoqsi jekk jiftakarx li kien irrilaxxa tali dikjarazzjoni, Mangion wieġeb *lanqas idea tagħha. .. Ma niftakarx li fl-ebda ħin jiena ġejt mistoqsi dawk l-affarijiet u jiena rrilaxxajt dik id-dikjarazzjoni.* Għalkemm iddikjara li lill-imputat jiftakru u jiftakar li kien jaħdem bħala Security Guard fuq is-Sit, fir-rigward ta' dak minnu affermat fid-dikjarazzjoni imsemmija, mistoqsi *jiġifieri inti tiċħad li tiftakar* Lawrence Mangion wieġeb *jiena m'jien qed niċħad xejn. Jiena ma niftakarx li ħallejt dik id-dikjarazzjoni.* Mistoqsi dwar il-fatt li Joseph Pace kien jisraq affarijiet minn fuq is-sit tal-Mater Dei, wieġeb *le, ma niftakarx lanqas.* Anke in ri-eżami Mangion baqa' jinsisti li ma jiftakar assolutament xejn.

- **Keith Pavia**[23], illi xehed illi fl-2002 huwa kien impjegat mal-kumpannija Group 4 flimkien ma' l-imputat li però kellu grad ogħla minnu. Fir-rigward ta' l-allegat serq minn fuq is-Sit, Keith Pavia xehed illi *naf b'xi serq ta' diesel. Mistoqsi mill-Qorti jekk nafx min kien responsabbli ta' dan is-serq, ngħid li kien l-imputat u dan qiegħed ngħidu għax rajtu u kont irrappurtajtu. Mistoqsi f'kemm okkażjonijiet rajtu, ngħid f'żewġ okkażjonijiet, però minix tant ċert dwar dan. F'okkażjoni ta' darba rajtu żgur. Mistoqsi biex nispjega kif kien isir it-teħid tad-diesel, nirrispondi li l-imputat kien jimla l-vettura tiegħu b'dan id-diesel - dan rajtu b'għajnejja. Jekk rajtux f'okkażjoni waħda jew f'żewġ okkażjonijiet minix ċert. Dan id-diesel kien jinżamm fuq is-sit f'kontenituri kbar, l-imputat kien juża xi pipe sabiex minn dawn il-kontenituri jimla l-vettura tiegħu. Dwar x'kienet il-vettura ta' l-imputat ma nafx. Mistoqsi jekk apparti d-diesel lill-imputat rajtux jieħu xi ħaġa oħra, ngħid li ma niftakarx. Dwar jekk niftakarx li rrilaxxjat stqarrija, nirrispondi li iva, niftakar. Niftakar illi f'din l-istqarrija jiena semmejt id-diesel. F'din l-istqarrija kont semmejt xi affarijiet oħra, niftakar li kont semmejt xi xkejjer tal-gypsum u tas-cement. Mistoqsi mill-Qorti dwar jekk kienx fl-istess okkażjoni li rajt lill-imputat jieħu d-diesel ngħid li le, kienet okkażjoni differenti. Meta rajt lill-imputat jieħu dawn l-ixkejjer, kienu f'diversi okkażjonijiet - nikkalkola xi darbtejn. Dawn l-ixkejjer l-imputat kien jgħabbihom fil-karozza tiegħu. Kien ikun waħdu. Dwar kemm kienu l-ixkejjer li tgħabbew fil-karozza tiegħu ma niftakarx. Sa' fejn naf jiena, il-vettura ta' l-imputat dak iż-żmien kienet ta' kulur blue, l-għamla ma nafx x'kienet. Ngħid li din l-okkażjoni kienet waqt li l-imputat kien qiegħed xogħol ta' bil-lejl, u meta nzertajt nara lill-imputat, kien fil-għaxija. Jiena f'dik l-okkażjoni jew okkażjonijiet kont xogħol night shift ukoll.*

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' April 2007, fol. 52 u 53 tal-proċess u waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2019, fol. 83 sa' 86 tal-proċess.

In kontro-eżami Keith Pavia ċaħad li qatt irilaxxa xi forma ta' dikjarazzjoni dwar l-allegat serq da parte ta' l-imputat minn fuq is-Sit u ddikajra li l-ewwel darba li sema' b'dan kien meta kellmuh il-Pulizija. Mistoqsi dwar il-kontenituri kbar tad-diesel li kien semma' fix-xhieda tiegħu, Keith Pavia wieġeb *ħa ngħidlek għadda 'l fuq minn tnax-il sena u lanqas niftakar* u mistoqsi jiftakrax li kien xehed quddiem il-Qorti, senjatament fl-2007, wieġeb *darba snin ilu imma ma nafx meta. ... Snin ilu imma lanqas niftakar.* Għalkemm għaraf lill-imputat bħala persuna li kien jaħdem miegħu bħala Security, għall-mistoqsija *jiġifieri inti llum ma tafx jekk l-imputat kienx seraq xi diesel dak iż-żmien jew le?* Keith Pavia wieġeb *qed ngħidlek ma niftakarx.*

- **L-imputat**[24], illi kateogirkament ċaħad li huwa seraq xi affarijiet minn fuq is-Sit huwa kien addett bħala Security Guard. Fir-rigward ta' l-injam li nstablu fi u ġie elevat mir-residenza tiegħu, l-imputat iddikjara li *jiena kelli post żgħir kont qed nirranġah u kull injama li kelli minn t'hemmhekk kienet użata jiġifieri second hand u mhux ġdida. ... Kienet mormija u użata u ħadtha biex tgħid traqqa l-pannu bil-qargħa aħmar. ... Xi biċċtejn injam u bil-permess ħadthom. Lanqas ħadthom li tgħid sraqthom dawn.* Fir-rigward tal-kaxxi tal-madum li nstabu fi u ġew elevati mir-residenza tiegħu, l-imputat iddikajra li *il-madum mort nixtrih miż-Żurrieq jiena dak. Tgħid mhux ħa nieħdu minn hemm, x'nambih jiena minn hemm? Naf li ħaduli l-għodda tiegħi li kelli, ħaduli l-istationery tiegħi personali li kont naħdem dik il-ħabta fil-każini u li naf żgur hu li bellħu lili u bellħu lil kulħadd.* Fir-rigward tad-diesel iddikjara *ma tarax li se nieħu dak. Ħa mmur nieħu dak id-diesel għall-karozza li jkun maħmuġ u nħammeġ it-tank tal-karozza. Ma tarax.*

Huwa prinċipju assodat fis-sistem ġuridika nostrali li sabiex imputat jiġi dikjarat ħati ta' l-imputazzjoni/imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, il-Prosekuzzjoni għandha l-oneru li tipprova tali ħtija lil hin minn kull dubju raġonevoli, ossia oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emad Masoud, Appell Nru. 320/08,** deċiża fis-16 ta' Mejju 2019, *jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-aħjar prova u sabiex tipprova l-każ tagħha fuq bażi ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Filwaqt li d-difiża ma għandha bżonn tipprova xejn. Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) v. Joseph Baldacchino, Farah Kirpalani, Philip Micallef"*[25]*, għalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni: "Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront ta' l-imputati huma veri u dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, paġna*

---

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2020, fol. 113 sa' 116 tal-proċess.

[25] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005).

*234, Edizione 1890): "Il così detto onero della prova, cioè il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit". Huwa prinċipju bażiku ipprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li, biex l-imputati jiġu iddikjarati ħatja, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġjonevoli, cioè oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Philip Zammit et" u tgħid però mhux kull iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata, hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni". Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Peter Ebejer" dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ "Miller v. Minister of Pension" - 1974 - 2 ALL ER 372 ta' l-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt". "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tissodisfa l-oneru tal-prova impost fuqha fir-rigward ta' l-involviment ta' l-imputat fis-serq li kien qed ikun hemm minn fuq is-Sit.

Għalkemm il-Qorti hija konvinta u sodisfatta mill-fatt li tul is-sena 2002 kien qed ikun hemm ħafna serq minn fuq is-Sit, ma hijiex affattu konvinta u sodisfatta li l-imputat kien involut f'dan is-serq. Il-provi tal-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-imputat jikkonsistu *inter alia* fix-xhieda ta' l-Ispettur (illum Supretendent) Geoffrey Azzopardi u ta' Thomas Mattocks, li fiż-żmien in kwistjoni kien Security Supervisor mal-kumpannija Group 4, li tagħha kienu s-Security Guards addettati mas-Sit. Minn eżami akkurat tax-xhieda tagħhom jirriżulta li għal dak li jirrigwarda l-allegat involviment ta' l-imputat fis-serq, din hija bbażata fuq dak li qalilhom ħaddieħor.

L-Ispettur Azzopardi[26] ddikjara li *fil-kors ta' din l-investigazzjoni rċevejt informazzjoni kunfidenzjali illi ċertu Joseph Pace, bin-numru ta' l-Identità*

[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2003, fol. 10 sa' 14 tal-proċess.

*536571M* - li tra l'altro lanqas huwa l-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat odjern[27] *- li kien jaħdem hemmhekk bħala Security-Guard mal-kumpannija Group 4, seta' kien involut f'din is-serqa. Fil-fatt, minn aktar indaġni li jien għamilt, irriżultali minn ċertu Thomas Mattocks, li huwa s-Supervisor ta' dawn is-Security Guards hemmhekk, illi kien hemm xi ħaddiema oħra li jaħdmu bħala Security Guards li kienu infurmawh b'xi serq li kien qed jagħmel dan l-istess Joseph Pace waqt li jkun xogħol f'dan l-Isptar li għadni kemm semmejt. Fil-fatt is-Sur Mattocks kien infurmani li kien ottjena statement bil-miktub minn dawn il-ħaddiema li jinkludu fost l-oħrajn lil ċertu Julian Borg, ċertu Lawrence Mangion, Keith Cachia, John Falzon u Henry Hepburn. Dawk kienu allegaw fl-istqarrija li għamlu huma stesss illi f'okkażjonijiet differenti kienu lemħu lil Joseph Pace, l-imputat hawnhekk, jisraq xi affarijiet minn fuq il-post tax-xogħol tiegħu.*

Thomas Mattocks[28] iddikjara li *bejn Lulju u Ottubru tas-sena li għaddiet* (ossia l-2002 in kwantu huwa xehed fit-12 ta' Mejju 2003) *kont kważi tlett darbiet fil-ġimgħa nirċievi telefonati bil-lejl illi n-nies addetti għas-Security kienu raw xi nies fuq is-sit. Nispjega illi dan l-Isptar qiegħed fil-proċess li jinbena. Kemm-il darba wara dawn it-telefonati ġew il-Pulizija u saret tfittxija fl-inħawi, però kienet tirriżulta dejjem fin-negattiv. ... għall-ħabta ta' nofs Settembru, kien hemm Security li avviċinawni u għamlu stqarrijiet kontra l-imputat.*

Ladarba dak li jgħidu l-Ispettur (illum Supretendent) Geoffrey Azzopardi u Thomas Mattocks fuq l-allegat involviment ta' l-imputat fis-serq li kien qed ikun hemm fuq is-Sit huwa bbażat fuq dak li qal ħaddieħor, ix-xhieda ta' tali ħaddieħor hija ferm importanti biex appuntu l-Prosekuzzjoni tipprova l-involviment u b'hekk il-ħtija ta' l-imputat lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Għalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet lil dawn il-persuni bħala xhieda - senjatament dawk il-persuni li skond Thomas Mattocks kienu tawh dikjarazzjonijiet bil-miktub li effettivament jimplikaw lill-imputat fis-serq li kien għaddej - dak minnhom affermat ftit li xejn jista' jitqies li jipprova lil hinn minn kull dubju ragonevoli li l-imputat kien involut direttament f'tali serq.

Mix-xhieda ta' Julian Borg[29], indikat minn Thomas Mattocks bħala wieħed mis-Security Guards li kien għamel dikjarazzjoni fejn implika lill-imputat fis-serq li kien qed ikun hemm fuq is-Sit, jirriżulta li dak kollu li seta' qal fil-konfront ta' l-imputat in kwantu rigwarda s-serq *per se*, kien bbażat fuq dak li qallu ħaddieħor. In verità il-Qorti lanqas taf eżatt x'qal dan Julian Borg fir-rigward ta' l-involviment ta' l-imputat f'tali serq għar-raġuni li d-dikjarazzjoni tiegħu baqgħet qatt ma ġiet esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri u kull ma qal fix-xhied tiegħu kien li darba xi ħadd mill-kollegi tiegħu - mingħajr però ma

[27] Vide l-estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat a fol. 2 tal-proċess.
[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2003, fol. 18 sa' 21 tal-proċess.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2006, fol. 40 u 41 tal-proċess.

jispeċifika min kien dan il-kollega jew kienu dawn il-kollegi - kien qallu li l-imputat ried iċaqlaq il-vettura tiegħu minn fejn kienet għal post ieħor li jiġi ‘l ġewwa mill-grada tas-Sit u li fil-fatt ċaqlaq il-vettura tiegħu ‘l ġewwa mill-grada tas-Sit. Apparte l-fatt li dak minnu affermat ma tantx ifisser wisq, Julian Borg fi kwalunkwe każ qal li *dana nafu fuq dak li qalli ħaddieħor. Anke dwar l-imputat ried iċaqlaq il-karozza tiegħu naf fuq dak li qalli ħaddieħor.*

Għalkemm Julian Borg qal li fi żmien qabel dan l-okkażjoni li xehed dwarha huwa kien mar fir-residenza ta’ l-imputat u hemm ra injam bħal dak li jkun hemm fuq is-Sit u ra wkoll kaxxa ħamra ta’ l-għodda li skontu *rajtha preċedentement għand xi ħaddiema li kienu jaħdmu l-Isptar, ta’ min hi ma nafx,* dak minnu affermat però ma jistax jitqies bħala prova li l-imputat kien involut f’xi serq mis-Sit, iktar u iktar meta l-injam qatt ma ssemma bħala oġġett misruq mis-Sit u l-kaxxa ħamra ta’ l-għodda għad illi jaf li rah bħala għand ħaddiema fuq is-Sit ma qalx li dawn il-ħaddiema kienu ilmentaw minn jew irrappurtaw is-serq ta’ tali kaxxa.

John Falzon[30], ukoll indikat minn Thomas Mattocks bħala Security Guard ieħor li għamel dikjarazzjoni fejn implika lill-imputat fis-serq li kien qed isir mis-Sit, ċaħad li qatt ra lill-imputat jieħu xi affarijiet minn fuq il-lant tax-xogħol. Għalkemm fir-rigward ta’ xi affarijiet li ġew murija lilu fil-kors tax-xhieda tiegħu kkonferma li bħal dawk l-affarijiet kien hemm fuq is-Sit ukoll u kkonferma wkoll li kien konxju mill-fatt li minn fuq is-Sit kien qed ikun hemm serq, iddikjara ulterjorment illi *jiena darba kont inzertajt rajt lill-imputat fil-karozza tiegħu u kien barra l-gate. Jiena ma nafx bl-ebda affarijiet li seta’ Kellu l-imputat f’dik l-okkażjoni li qed insemmi u lanqas f’okkażjoni oħra, għaliex b’okkażjonijiet oħra ma nafx.*

Għalkemm il-Prosekuzzjoni kienet qalet li riedet terġa’ ttella’ lil dan ix-xhud biex imbagħad tiddikjarah bħala xhud ostili - u dana preżumibilment wara li tesebixxi d-dikjarazzjoni li seta’ rrilaxxa lil Thomas Mattocks - dana baqa’ ma sarx u l-unika xhieda li ta dana John Falzon kienet biss mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta’ April 2006, fejn bl-ebda mod ma implika lill-imputat fis-serq li kien qed ikun hemm fuq is-Sit.

Xehed ukoll ċertu Henry Cockrem[31] illi però wkoll bl-ebda mod ma implika lill-imputat fis-serq li kien qed ikun hemm minn fuq is-Sit. In effetti jiġi ribadit li dak li qal kien fis-sens illi *lill-imputat nafu għaliex ġieli nzertajna naħdmu l-istess shift. Hu kien ukoll security officer. Oġġetti simili għal dawk li qed jiġu murija hemm ħafna fl-Isptar, fis-sens li kont nara ħafna meta kont ninzerta xogħol hemmhekk bħala security. Mistoqsi jekk affarijiet simili qatt rajthomx għand l-imputat, nirrispondi li le. Mistoqsi jekk qatt rajtx lill-imputat jieħu affarijiet simili għal dawk li qegħdin esebiti, nirrispondi li le. Li nista’ ngħid*

[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta’ April 2006, fol. 42 tal-proċess.
[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta’ April 2006, fol. 43 tal-proċess.

*hu illi f'okkażjoni waħda konna xogħol ta' bil-lejl, kien ġew xi security officers u qaluli xi diskors li kien jinvolvi lill-imputat. Jiena hemmhekk niftakar li kont għedtilhom "ċemplu lill-pulizija". Jiena però b'għajnejja ma' rajt xejn. Lanqas naf u lanqas ħadd ma informani li proprju dakinhar kienu naqsu xi affarijiet mill-Isptar.*

Żewġ xhieda oħra prodotti mill-Prosekuzzjoni huma Lawrence Mangion u Keith Pavia li entrambe implikaw lill-imputat fis-serq minn fuq is-Sit: b'Lawrence Mangion jaddebita lill-imputat u anke lill-imsemmi Keith Pavia diversi serqiet, filwaqt li Keith Pavia jikkontendi li ra lill-imputat f'okkażjoni minnhom jieħu diesel minn fuq is-Sit u f'okkażjoni oħra rah jieħu xkejjer tal-gypsum u tas-cement.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-23 ta' April 2007[32], Lawrence Mangion strah esklussivament fuq id-dikjarazzjoni[33] - mhux datata - li huwa kien ta lil Thomas Mattocks fejn kjarament indika li dak minnu hemm allegat fil-konfront ta' l-imputat kien ilu già għaddej għal madwar disa' xhur. In kontro-eżami però, għalkemm lill-imputat ftakru u ftakar li kien jaħdem miegħu bħala Security fur is-Sit, meta d-Difiża ġiet biex tistaqsih dwar dak minnu allegat fil-konfront ta' l-imputat, dan Lawrence Mangion kien retiċenti li jikkonferma dak minnu hemm allegat u addirittura wara li reġgħet inqratlu d-dikjarazzjoni li ta lil Thomas Mattocks lanqas biss seta' jiftakar li qatt kien ta tali dikjarazzjoni jew li kien ġie mistoqsi domandi fir-rigward ta' l-allegat involviment ta' l-imputat fis-serq li kien qed jiġri u li huwa seta' ta xi risposti fir-rigward. In effetti Lawrence Mangion addirittura qali *ma niftakarx li fl-ebda ħin jiena ġejt mistoqsi dawk l-affarijiet u jiena rrilaxxajt dik id-dikjarazzjoni* u ikkonfrontat bl-affermazzjoni *jiġifieri inti tiċħad li tiftakar,* huwa wieġeb *jiena m'jien qed niċħad xejn. Jiena ma niftakarx li ħallejt dik id-dikjarazzjoni.*

Għalkemm Lawrence Mangion jifformula l-affermazzjoni tiegħu fis-sens li ma jiftakarx li kien ta tali dikjarazzjoni kontra l-imputat, il-Qorti hija iktar ta' l-opinjoni li din hija ċaħda da parte ta' Lawrence Mangion li qatt irrilaxxa tali dikjarazzjoni kontra l-imputat.

Keith Pavia ukoll kien evasiv fir-risposti tiegħu in kontro-eżami. Filwaqt li għaraf lill-imputat u anke ftakar li kienu jaħdmu flimkien bħala Security Guards, mistoqsi dwar is-serq u l-allegat involviment ta' l-imputat fl-istess, huwa insista li assolutament ma jiftakar xejn.

Hawn il-Qorti bla ebda eżistazzjoni ta' xejn tgħid li qed issibha diffiċli temmen li kemm Lawrence Mangion kif ukoll Keith Pavia ma setgħu jiftakaru assolutament xejn fir-rigward ta' dak minnhom allegat b'konvinzjoni fil-konfront ta' l-imputat meta xehdu in eżami u, fir-rigward ta' Lawrence

[32] Fol. 48 u 49 tal-proċess.
[33] Dok. "LM" fol. 50 u 51 tal-proċess.

Mangion, meta rrilaxxa d-dikjrazzjoni tiegħu kontra l-imputat. Huwa veru li l-kontro-eżami tagħhom sar wara ammont kbir ta' snin kemm mill-akkadut kif ukoll minn meta xehdu, in effetti l-kontro-eżami tat-tnejn li huma sar fl-2019 filwaqt li l-allegati reati seħħew fl-2002 u entrambe xehdu fl-2007, iżda l-Qorti ma tistax tifhem kif anke wara li nqralhom dak illi kienu xehdu u ddikjaraw fil-konfront ta' l-imputat, l-ebda wieħed minnhom ma seta' jiftakar assolutament xejn. Li wieħed ikun inċert mid-dettal eżatt ta' dak li kien ġara u/jew qal diversi snin qabel, anke jekk ix-xhieda/dikjarazzjoni tiegħu tiġi moqrija lilu, huwa mistenni iżda li wieħed jiftakar lill-imputat u li kien jaħdem miegħu imma imbagħad ma jiftakar assolutament dwar allegazzjonijiet ferm serji li kienu fil-konfront ta' l-imputat ma huwiex wisq kredibbli.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat, il-Qorti tqis li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' l-involviment dirett ta' l-imputat fis-serq minn fuq is-Sit ma jikkostitwixxux l-aħjar prova li turi u tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-istess imputat huwa ħati tar-reat ta' serq aggravat. Konsegwentement għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat ma għandux jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll bir-reat ta' riċettazzjoni. In effetti bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi akkużat talli fl-istess żminijiet (ossia fl-24 ta' Ottubru 2002 u fix-xhur ta' qabel) f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, xjnetement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ, u cioè flus kontanti, diesel, madum, gypsum, żebgħa, clamps, electrical fittings, circular saw u oġġetti ta' stationery, misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex jbiegħhom jew imexxihom.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni l-Ispettur, illum Supretendent, Geoffrey Azzopardi, iddikjara li meta saret tfittxija fir-residenza ta' l-imputat instabu *żewġ batches ta' madum, bi tlieta u tletin biċċa l-waħda, kien hemm xi scaffolding pipe fittings, kien hemm xi dokumenti oħra ta' stationery*[34]. Ta' l-oġġetti li nstabu fir-residenza ta' l-imputat ġiet ippreżentata riċevuta[35] li telenka s-segwenti: *2 boxes x 33 white coloured ceramic 8" x 8" tiles "Cooperativa Ceramica D'Imola"; 1 red colours Hilty case marked TE 76, art no. 00334219 sr. no. 0036805; 5 scaffolding pipe fittings, 4 document trays, 2 file dividers, 1 stapler, 1 paper punch, 1 box x 100 Hilty Gun nails X-DNI 32MX; 1 pencil holder, 25 plastic paper covers, 1 box paperclips, 1 staples remover, 1 Peugeot circular saw sr. no. 0109944.*

Apparte minn dak li xehed l-Ispettur Azzopardi, Thomas Mattocks[36] iddikjara li wara li xi Security Guards kienu avviċinawh b'informazzjoni dwar is-serqiet

[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2003, fol. 10 sa' 14 tal-proċess.
[35] Dok. "GV1" a fol. 15 tal-proċess.
[36] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2003, fol. 18 sa' 21 tal-proċess.

li kienu qed jseħħu fis-Sit, fejn anke kienu implikaw lill-imputat, *sussegwentement mort id-dar ta' l-imputat ma' Security Officer ieħor Walter Moore u fil-bitħa tal-fond ta' l-imputat osservajt madum li kien jikkorispondi għal deskrizzjoni li kienu tawni fl-istqarrijiet u wkoll xi stationery. Qiegħed f'dan il-mument niġi muri l-istationery u ngħid illi dan huwa dak illi jkollna fl-istores. Mistoqsi mill-Qorti jekk sarx xi stock take dwar l-istationery, ngħid li le, u nispjega illi l-istationery tittieħed skond il-bżonn mid-diversi uffiċini. Hija waħda mis-segretarji li hija inkarigata biex tissupplikxxi l-istores. Din is-segretarja tieħu l-inkarigu minn ħaddieħor. U dana minn varji persuni. Fis-sens illi jekk jonqos xi ħaġa, jitolbuha sabiex tara li tkun fl-istore. Dwar madum ma nista' ngħid xejn, ħlief li dan inkun nafu jekk ikun naqas xi ħaġa, jekk ikun irrapporta xi subcontractor. Jiena kelli xi rapporti ukoll f'dak il-perijodu dwar xi serq ta' madum u għodod u dana minn vari kuntratturi. Meta jiena kont aċċedejt fil-bitħa ta' l-imputat kien hemm żewġ kaxex tal-madum. Dal-madum kien ġo kaxex sofor tal-kartun. Dan il-madum kont fil-fatt ikkonstatajt li kien jeżisti fuq il-post tax-xogħol. Il-madum in kwistjoni kien plain, qisu fuq l-off white.*

Julian Borg[37] xehed illi *xi ħmistax qabel* (ossia qabel ma kien ġie infurmat minn xi Security Guards oħra li l-imputat ried iċaqlaq il-vettura tiegħu minn fejn kienet ipparkjata għal post 'l ġewwa mill-grada tas-Sit) *lill-imputat kont inzertajt wassaltu sad-dar. F'din l-okkażjoni jiena nzertajt dħalt fil-post ta' l-imputat u hemmhekk osservajt illi kien hemm bieb, la naf jekk hux bieb jew xatba, li l-injam tiegħu kien simili għal dak li kont rajt l-isptar. Jiena m'inix espert ta' l-injam u lanqas ngħarfu l-injam, però fuq l-injam li osservajt għand l-imputat osservajt ukoll illi kellu kelma li kienet l-istess fuq l-injam ta' l-isptar. Filwaqt li qiegħed niġi muri l-biċċa njama li tinsab esebita f'dawn l-atti ngħid illi dik l-injama kienet bħal dik li rajt id-dar ta' l-imputat. Injam simili jintuża l-isptar. F'din l-okkażjoni wkoll kont innotajt illi l-imputat kellu kaxxa l-ħamra li qiegħed ukoll indentifikata in Awla. Din il-kaxxa l-ħamra kont rajtha preċedentement għand xi ħaddiema li kienu jaħdmu l-isptar, ta' min hi ma nafx.*

Minn dawn il-provi jispikka l-fatt li fiż-żmien meta minn fuq is-Sit kien qed ikun hemm ħafna serq, inkluż serq ta' madum li ġie rrappurtat lil Thomas Mattocks, l-imputat kellu fil-pussess tiegħu madum identiku għal dak li kien qed jiġi rrappurtat misruq. Dana l-madum rah l-imsemmi Thomas Mattocks meta aċċeda ġewwa l-fond ta' l-imputat wara li kien irċieva rapporti li l-imputat kien involut fis-serq li kien għaddej u in segwitu addirittura vverifika li huwa l-istess madum, bil-kaxxa b'kollox, bħal dak li kien hemm fuq is-Sit.

L-elementi tar-reat ta' riċettazzjoni ġew esposti b'mod opportun mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Giovanni sive John Grima** deċiża fil-25 ta' Ottubtru 2002, fejn appuntu ġie osservat illi *kif jispjega*

---

[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2006, fol. 40 u 41 tal-proċess.

*l-ġurista Francesco Antolisei (fil-kumment tiegħu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodiċi Penali Taljan - artikolu li huwa ftit differenti mid-disposizzjoni tagħna iżda li dwar l-provenjenza ta' l-oġġett riċettat huwa simili għal tagħna): Poichè oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenienza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioè, che un altro reato sia stato commesso in precedenza … Naturalmente il delitto anteriore deve essere effettivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che per gustificare il basso prezzo affermi falsamente che essa proviene da un furto) saremmo in presenza di una ricettazione putativa, u quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato … [ma] la condanna per ricettazione non può aver luogo, se prima non è stato rinconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte … a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perchè questa è una semplice condizione di procediblità. Del pari, la ricettazione può sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilità o per un' altra causa soggettiva di esclusione della pena. … In fine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne è il presupposto, sia estinto".*

Fil-kuntest tar-reat ta' riċettazzjoni tissussisti wkoll it-teorija ta' *the unlawful possession of recently stolen goods* jew hekk kif imsejħa *theory of recent possession*. Kif osservat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alston Abdilla**, deċiża fl-10 ta' April 2013, *din it-teorija mhi xejn għajr l-applikazzjoni tal-'buon sens' għaċ-ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw pruvati; fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħdehom iwasslu raġjonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti. … Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali (per Imħallef Vincent Degaetano*[38]*) deċiża fis-26 ta' Awwissu 1998, il-Qorti studjat fil-fond din it-teorija fejn ġew ikkwotati diversi awturi Ingliżi u saret referenza għal ġurisprudenza Ingliża: "Din il-Qorti wkoll ser tikkwota mill-aħħar edizjoni ta' Archbold peress li hi tal-fehma li il-bran li ġej jittratta bl-iktar mod konċiż u preċiż il-kwistjoni kollha marbuta ma' din it-teorija: There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The rule (for it is no more than the application of common sense is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the stolen property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be so directed: (see R. v. Loughlin, 35, Cr. App; R. v. Seymour, 38, Cr.*

[38] Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et.

*App. R.68). This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or armed robbery. In R. V, Symthe, 72, Cr. App R 8 C.A., the Court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence 5th ed. (Now 8th ed.p.35): "If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to be stolen ... The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue". Every case depends on its own facts, there is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality, is that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how it fits in or does not fit in with the other available evidence". (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997 paras. 21-125, 21-126).*

Il-Qorti ttenni li mill-provi prodotti jirriżulta li fis-sena 2002 kien qed ikun hemm ħafna serq minn fuq is-Sit. Ittenni wkoll li l-provi ma humiex tali li jistabilixxu lil hinn minn kull dubju ragonevoli li l-imputat kien involut f'tali serq, inklżu serq ta' madum, iżda l-fatt li l-imputat, fiż-żmien ta' dan is-serq, kellu fil-pussess tiegħu madum identiku, bil-kaxxa b'kollox, għal dak li kien qed jinsteraq minn fuq is-Sit, iwassal, fl-assenza ta' ġustifikazzjoni sodisfaċenti da parte ta' l-imputat, għall-konklużjoni li l-imputat kellu għandu oġġetti ottenuti b'serq. L-imputat ipprova jiġġustifika l-presenza ta' tali madum fir-residenza tiegħu billi qal li huwa kien xtara dan il-madum minn x'imkien iż-Zurrieq iżda fil-fehma tal-Qorti din ma hija xejn għajr skuża fjakka li bl-ebda mod ma tiġġustifika l-fatt li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu madum identiku għal dak li kien hemm fuq is-Sit u li f'dak iż-żmien kien qed jiġi rrappurtat misruq. Il-

Qorti diffiċilment tista' temmen li l-imputat seta' ma kienx jaf li kien hemm serq għaddej minn fuq is-Sit stante li mill-provi prodotti rriżulta b'mod ċar li ħafna min-nies involuti fis-servizz ta' sigurtà fuq is-Sit kienu konxji minn dak li kien qed jiġri u daqstant ieħor diffiċilme tista' temmen li l-imptat ma kienx jaf li dan il-madum li kellu fil-pussess tiegħu kien identiku għal dak li kien hemm fuq is-Sit u dana billi rriżulta mill-provi li l-imputat kien wieħed mis-Security Guards addett għall-patrolling tas-Sit biex jgħassuh.

Il-Qorti qed tenfasizza fuq il-madum għar-raġuni li fejn jidħlu l-affarijiet l-oħra indikati mill-Prosekuzzjoni, tqis li l-istess Prosekuzzjoni ma ressqitx provi biżżejjed biex tipprova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li dawn l-oġġetti ġew fil-pussess ta' l-imputat b'mod illegali u illeċitu.

In kwantu rigwarda l-injam u l-kaxxa ħamra ta' l-għodda ma tressqet assolutament l-ebda prova li dawn l-oġġetti partikolari kienu nsterqu minn fuq is-Sit. Is-sempliċi fatt li Julian Borg qal li l-kaxxa ħamra ta' l-għodda kienet bħal dik li kien jara għand il-ħaddiema ma hijiex fiha nfisha prova suffiċjenti li turi li din il-kaxxa kienet insterqet u li b'hekk kienet qiegħda għand l-imputat illegalment. L-istess jgħodd għall-iscaffolding pipe fittings, għall-gun nails u għas-circular saw in kwantu ma tressqet l-ebda prova li kien hemm serq ta' dawn it-tip ta' affarijiet speċifiċi minn fuq is-Sit. Għal dak li jirrigwarda l-istationery, il-Qorti tqis li la ma kien qed isir l-ebda stock take ta' l-istationery fl-istores ta' fuq is-Sit, hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' Thomas Mattocks, diffiċilment jista' jingħad u stabbilit lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-istationery li nstabet fil-pussess ta' l-imputat kienet stationery misruqa mis-Sit. Għalkemm Thomas Mattocks għaraf l-istationery murija lilu waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2003 bħala l-istess tip ta' stationery bħalma kien ikollhom fl-istores, mingħajr stock take li a bażi tiegħu Mattocks kien ikun jaf eżattament x'insteraq, il-Qorti ma tistax tifhem kif kien hekk ċert li dak muri lilu kienu fil-fatt oġġetti allegatament misruqa minn fuq is-Sit. Il-fatt waħdu li l-istationery murija lil Mattocks kienet bħal stationery li kien ikollhom fl-istores fuq is-Sit ma huwiex prova suffiċjenti, wisq inqas waħda ta' grad 'l hinn minn kull dubju raġonevoli, ta' serq u/jew ta' riċettazzjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' riċettazzjoni li bih qed jiġi akkużat bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, iżda dana biss limitatament għall-madum. Apparte minn hekk mill-provi prodotti ma jirriżultax li dan l-aġir ta' l-imputat kien wieħed kontinwat ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant dan il-provvediment tal-Liġi ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami.

L-Artikolu 334(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew,*

*xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinstab ħati - (a) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn serq, bil-pieni tas-serq skond il-valur tal-ħaġa.*

Fil-każ in eżami għalkemm fl-ewwel imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ndikat bħala valur ta' l-oġġetti misruqa somma li ma teċċedix Lm1,000, illum ekwivalenti għal €2,329.97, dan huwa valur li jikkomprendi l-oġġetti **kollha** indikati mill-Prosekuzzjoni u mhux fir-rigward tal-madum biss. Bħala fatt ma tressqet l-ebda prova dwar il-valur tal-madum li instab fir-residenza ta' l-imputat u għaldaqstant il-Qorti tqis li għandha tapplika l-piena prevista għas-serq sempliċi previst fl-Artikolu 284 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-piena provduta fl-Artikolu 285 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *il-ħati ta' serq sempliċi jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa' sitt xhur*[39]. Fil-fehma tal-Qorti diffiċilment jista' hemm lok għall-applikazzjoni tal-proviso ta' dan l-Artikolu tal-Liġi stante li ftit li xejn għandu jkun hemm dubju li żewġ kaxxi madum effettivament jiswew iktar minn €23.29, ekwivalenti għal Lm10.00.

Tenut kont ta' dan kollu għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u dana entro t-termini hawn appena imsemmija.

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-24 ta' Ottubru 2002 u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Msida, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ haddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma teċċedix Lm500, illum ekwivalenti għal €1,164.69, iżda hija iżjed minn Lm50, illum ekwivalenti għal €116.46.

Minn konsiderazzjoni akkurata tal-provi prodotti jirriżulta ferm ċar li l-Prosekuzzjoni ma ressqet assolutament l-ebda prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni partikolari fil-konfront ta' l-imputat. Fid-dawl ta' dan għalhekk u fin-nuqqas assolut ta' provi li juru lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għal tali reat, il-Qorti tqis li l-imputat ma għandux jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti, għalkemm ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat għandu jinstab ħati ta' reat ta' riċettazzjoni ta' madum li nsteraq minn fuq is-Sit, li kien l-istess post fejn huwa kien jaħdem bħala Security Guard, ħadet in konsiderazzjoni ukoll it-trapass ta' żmien bejn meta l-imputat ġie akkużat bir-reat in kwistjoni u meta effettivament huwa qed jiġi ssentenzjat għal tali reat, kif ukoll ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-imputat għandu fedina penali netta u ma tressqet l-ebda prova li turi li tul iż-żmien ta' dawn il-proċeduri l-imputat xellef dufrejgħ mal-ġustizzja.

---

[39] Il-Pulizija v. Christoher Sheperd, Appell Kriminali 353/05 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' April 2006.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li qed tillibera lill-imputat mill-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 334(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda peress illi fil-fehma Tagħha fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn oltre t-trapass ta' żmien mit-twettiq tar-reat li tiegħu qed jinstab ħati u l-għoti ta' din is-sentenza, l-imputat għandu fedina penali netta u ma jirriżultax li qatt reġa' xellef dufrejgħ mal-ġustizzja, ma huwiex spedjenti li timponi fuq l-imputat piena karċerarja effettiva jew sospiża u ma huwiex il-każ li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation jew Ordni ta' Servizz fil-Komunità jew Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunità, a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor matul il-perijodu ta'sitt (6) xhur dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfihem lill-imputat bi kliem li jiftiehem sew, illi jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hawn impost, ossia matul il-perijodu ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**